11 ta' Novembru, 1948.

**Imħallfin:**

Is-S.T O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Maestà Tiegħu r-Re

*versus*

Giżepp Cassar

## Provi — Xhieda tal-Ko-Imputat — Art. 642 (2) tal-Kodiċi Kriminali.

*Biex id-depożizzjonijiet meħuda fl-istruttorja jkunu ammissibili fil-proċediment plenarju, fil-każijiet fejn il-liġi tippermetti l-produzzjoni tad-depożizzjoni minflok l-awdizzjoni tax-xhud "viva voce", hemm bżonn li l-istruttorja fejn ġew mogħtija dawk id-depożizzjonijiet tkun dik l-istess istruttorja li tippreċedi l-ġuri partikulari, u mhux istruttorja ta' proċess ieħor. Għaldaqstant fil-proċediment plenarju kontra l-akkużat ma hix ammissibili bħala prova l-kopja tad-depożizzjoni ta' xhud meħuda f'istruttorja diversa minn dik li ppreċediet dak il-proċediment partikulari.*

*Barra minn dan, jekk dak ix-xhud, meta xehed, kien ko-imputat ma' l-akkużat, ix-xhieda tiegħu mogħtija "viva voce" ma setgħetx tkun prova kontra l-akkużat, u allura lanqas tista' tiġi prodotta kontra l-akkużat il-kopja tax-xhieda ta' dak ix-xhud.*

*U l-pożizzjoni ma titbiddelx billi dak ix-xhud huwa fi stat mentali tali li jirrendih inkapaċi li jixhed; għax jibqa' dejjem veru li x-xhieda tiegħu ġiet mogħtija meta huwa ma kienx xhud kompetenti kontra l-akkużat għax kien ko-akkużat. Dak ix-xhud jista' biss jixhed jekk ikun kapaċi mentalment u ma jkunx aktar ko-imputat.*

Il-Qorti. — Rat l-att ta' l-akkuża nru. 8600;

Rat id-digriet tagħha, kostitwita minn Imħallef wieħed, mogħti fl-4 ta' Novembru 1948, li bih ġie sollevat "ex officio", id-dubju jekk hijiex ammissibili jew le bħala prova l-kopja tax-xhieda mogħtija minn Gamri Schembri fil-jury "Rex vs. Giovanni Schembri et" definit fit-13 ta' Marzu 1948 (dok. "E" fol. 74/75), u d-deċiżjoni tal-kwistjoni hekk sollevata ġiet rimessa għal dina l-Qorti komposta kolleġjalment;

Ikkunsidrat:

Illi għalkemm l-imsemmi Gamri Schembri ma jistax fil-preżent jagħti x-xhieda tiegħu (apparti kwistjonijiet oħra),

għaliex minħabba l-istat mentali tiegħu jinsab *rikoverat* fl-Isptar tal-Mard tal-Moħħ, kif jidher mill-inkartament ta' dana l-*proċess*, b'dan kollu l-kopja legali tax-xhieda tiegħu fuq imsemmija ma hix ammissibili bħala prova; għal dawna r-raġunijiet :—

1. Id-depożizzjonijiet meħuda fl-*Istruttorja* huma ammissibili fil-jury fil-każijiet imsemmja fis-subartikolu (2) ta' l-art. 642 Kap. 12; imma hu ċar, mit-termini tal-liġi, li hemm bżonn li tkun dik l-Istruttorja li tippreċedi dak il-jury partikulari, mentri fil-każ preżenti x-xhieda ta' Gamri Schembri ġiet meħuda mhux fl-*Istruttorja* ta' dana l-proċess, imma ta' proċess *ieħor*;

2. Meta Gamri Schembri ta dik ix-xhieda, issa eżibita in kopja, hu kien ko-imputat ma' l-akkużat odjern, u x-xhieda tiegħu, kif mogħtija allura, għalkemm setgħet tkun prova għalih, ma setgħetx *tkun* ta' prova favur jew kontra l-korreo, l-akkużat *odjern*, *għaliex skond* il-ġurisprudenza kostanti, bażata fuq id-dispożizzjonijiet tal-liġi, il-korreo mhux produċibili bħala xhud (ara Reġina vs. Borin, 13 ta' Novembru 1878; Appell Kriminali "Pulizija vs. Salvatore Azzopardi", 25 ta' Marzu 1918; u oħrajn). Għaldaqstant, jekk dik ix-xhieda, kif mogħtija allura "viva voce", ma setgħetx tkun prova kontra jew favur l-akkużat odjern, meta kien ko-imputat ma' Schembri, tant ieħor ma *tistax issa tiġi prodotta* bħala prova l-kopja ta' dik ix-xhieda;

3. Il-fatt ta' l-istat mentali ta' Gamri Schembri ma biddelx il-pożizzjoni. Apparti li sostanzjalment Gamri Schembri għadu ko-imputat f'dana l-proċess, li nbeda anki kontra tiegħu u ġie sospiż *minħabba* l-*istat* mentali tiegħu, jibqa' dejjem veru li *dik ix-xhieda ġiet* minnu mogħtija fiż-żmien meta l-istess Gamri Schembri ma kienx xhud kompetenti favur jew kontra l-akkużat odjern, u kwindi x-xhieda tiegħu in kopja tibqa' vizzjata. Gamri Schembri jista' biss jixhed jekk mentalment *kun fi stat* li jixhed u jekk ma jkunx aktar ko-imputat; għaliex imbagħad għax-xhieda *tiegħu ma jkunx hemm* aktar l-ostakolu tal-ko-imputazzjoni bla konċessjoni ta' l-impunità;

Għalhekk il-Qorti tiddikjara inammissibili bħala prova l-kopja tax-xhieda ta' Gamri Schembri fuq imsemmija, u

tordun li jitkompla l-proċess fl-14 ta' Diċembru 1948, fid-9 a.m.